MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2004

Citazzjoni Numru. 662/2003

**John Spiteri**

**vs**

**Alison Agius**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 30 ta' Gunju 2003 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-attur John Spiteri u l-konvenuta Alison Agius izzewgu fil-11 ta' Ottubru 1997;

Illi miz-zwieg ta' bejn il-kontendenti ma twieldu ebda tfal;

Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga;

Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg inkiseb bi pressjoni familjari, socjali u vjolenza morali;

Illi ghalhekk iz-zwieg bejn il-partijiet hu null u nvalid skond il-ligi;

Illi l-istess attur talab li din l-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi;

1. Tiddeciedi u tiddkjara li z-zwieg bejn il-partijiet tal-11 ta’ Ottubru 1997 fuq imsemmi hu null u nvalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attrici u l-lista tax-xhieda minnha prezentati a fol. 3 u 4 tal-process.

Rat id-digriet tal-affidavit moghti fit-30 ta’ Lulju 2003 fejn il-Qorti pprefiggiet lill-partijiet hamsin (50) gurnata sabiex jipprezentaw il-provi kollha li jistghu permezz tal-procedura tal-affidavit.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta Alison Agius datata 28 ta’ Awissu 2003 a fol. 11, fejn eccipiet:-

1. Illi jekk hemm ragunijiet il-ghaliex l-istess zwieg ghandu jigi ddikjarat null u bla effett, dawn huma mputabbli lill-istess attur u mhux lill-konvenuta, u ghalhekk, dawn ghandhom jigu attribwibiti lilu, u dana kif sejjer jirrizulta ahjar waqt il-kawza;

2. Illi salvi eccezzjonijiet ulterjuri jekk u meta jkun il-kaz.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda datati 28 ta’ Awissu 2003, a fol 12 u 13 tal-process.

Rat in-nota tal-attur datata 29 ta’ Ottubru 2003, a fol 15 li permezz taghha esebixxa l-affidavit tieghu u ta’ ommu Betty Spiteri.

Rat in-nota tal-attur datata 18 ta’ Novembru 2003, a fol 22 li permezz taghha esebixxa l-affidavit ta’ missieru Michael Spiteri.

Rat il-verbal datat 25 ta’ Novembru 2003, fejn Dr. Antonio Tufigno ghall-konvenuta prezenta l-affidavit tal-konvenuta w obbliga ruhhu li jipprezenta l-affidavit l-ohra fit-terminu nkidat u fi kwalunkwe kaz il-Qorti kellha testendi t-terminu bi 30 jum mid-data tal-verbal.

Rat in-nota tal-konvenuta Alison Agius datata 25 ta’ Novembru 2003, a fol 27, li permezz taghha ezebitt l-affidavit taghha.

Rat in-nota tal-konvenuta Alison Agius datata 23 ta’ Dicembru 2003, a fol 51, li premezz taghha ezebitt l-affidavit ta’ missierha Angelo Agius.

Rat in-nota tal-konvenuta Alison Agius datata 7 ta’ Jannar 2004, a fol 55, li premezz taghha ezebitt l-affidavit ta’ ohtha Josephine Mifsud.

Rat il-verbal datat 19 ta’ Frar 2004, fejn id-defensuri tal-partijiet iddikjaraw li jonqos biss affidavit wiehed u l-Qorti estendiet it-terminu b’40 gurnata mid-data tal-verbal bil-fakulta’ ta’ noti b’40 gurnata kull wiehed. Id-defensuri qablu li l-kawza tibqa ghas-sentenza. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta’ Gunju 2004.

Rat in-nota tal-konvenuta Alison Agius datata 5 ta’ Mejju 2004, a fol 62, li premezz taghha ezebitt l-affidavit ta’ ohtha Kimberley Ann Abela.

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-attur John Spiteri, datata 16 ta’ April 2004, a fol 67 tal-process.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenuta Alison Agius datata 15 ta' Gunju 2004.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### i) PROVI PRODOTTI.

Rat l-affidavit tal-attur **John Spiteri** li gie prezentat permezz nota datata 29 ta' Ottubru 2003 u jinsab minn fol. 16 sa fol. 19 tal-process. Permezz tal-istess nota l-attur prezenta l-affidavit ta' ommu **Betty Spiteri** li jinsab minn fol 20 sa fol 21 tal-process. Rat ukoll l-affidavit ta' missier l-attur **Michael Spiteri**, li gie prezentat premezz ta' nota datata 18 ta' Novembru 2003 u jinsab minn 23 sa fol 25.

Rat tal-konvenuta **Alison Agius** li gie prezentat permezz ta' nota datata 25 ta' Novembru 2003 u jinsab minn fol 28 sa fol 38 tal-process. Permezz ta' nota datata 23 ta' Dicembru 2003, il-konvenuta prezentat l-affidavit ta' missierha **Angelo Agius**, tali affidavit jinsab minn fol 52 sa fol 53. Permezz ta' nota datata 7 ta' Jannar 2004, il-konvenuta prezentat l-affidavit ta' ohtha **Josephine Mifsud**, tali affidavit jinsab minn fol 56 sa fol 59. Il-konvenuta prezentat ukoll l-affidavit ta' ohtha **Kimberly Ann Abela,** tali affidavit gie prezentat premezz ta' nota datata 5 ta' Mejju 2004, u jinsab minn 62 sa fol 65 tal-process.

### ii) PRINCIPJI LEGALI.

Illi l-attur talab li z-zwieg tieghu mal-konvenuta jigi dikjarat null u bla effett *ai termini* tas-**sub-incizi (a) u (d) tal-Artikolu 19(1) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi **l-artikolu 19 (1) (a) tal-Kap 255** jghid:-

*"**19 (1)** B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, zwieg ikun null:*

***(a)** jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bi vjolenza sew fizika sew morali, jew biza'";*

Illi din il-Qorti kif presjeduta fis-sentenzi **"Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gja` Borg"** (Cit. Nru. 1564/97/RCP deciza fil-21 ta' Ottubru 1999) u **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** (Cit. Nru. 1019/98/RCP deciza fid-9 ta' Marzu, 2000) diga' kellha okkazjoni tistudja dan is-sub-artikolu ghal dak l-aktar li jirrigwarda biza'.

Illi kif inghad fil-kaz **"Carmelo sive Charles Saliba vs Mary Saliba"** ( P.A. (VDG) deciza fl-14 ta' Awissu 1995):-

*"… … biex pressjoni ndipendentement minn konsiderazzjonijiet ohra, tista' tinvalida l-kunsens matrimonjali, din il-pressjoni trid tammonta ghal vjolenza morali jew biza' esterna ta' natura rresistibbli, cjoe` trid tkun pressjoni li ddeterminat kompletament l-ghoti ta' dak il-kunsens."*

Illi *inoltre* fis-sentenza **"Anna Magro apparentement mizzewga lil Victor Rizzo vs Victor Rizzo"** (P.A. (SBC) deciza fit-13 ta' Marzu 1984) saret espozizzjoni tal-kuncett ta' vjolenza u biza' f'din il-materja. L-espert f'dik il-kawza jsostni li sabiex vjolenza morali twassal ghal effett li jinvalida:

*"trid tkun (i) ingusta, (ii) gravi, u (iii) determinanti".*

Illi wkoll, fil-kaz **"Anthony Gatt vs Doreen Gatt"** (P.A. (FD) deciza fil-25 ta' Gunju, 1993), l-espert tal-Qorti fisser li:-

*"… il-vjolenza morali trid tkun ta' natura tali li tkun invincibbli u ma taghti ebda possibbilta` lil min ikun li jisfuggi minnha".*

Illi l-biza' tista' tkun ukoll "*reverenzjali"* bhal per ezempju l-biza' lejn genitur jew superjur. Fil-kaz **"Shirley Anne**

**mart Abdul Fatah xebba Perry vs Dr. A. Mifsud et"** (P.A. - 22 ta' Novembru1982) il-Qorti spjegat:-

*"Il-biza' ta' nies li huma superjuri jew il-genituri tista' f'certi kazi tkun tali li taffetwa l-kunsens. B'dan mhux qed jigi ntiz, biza' fis-sens ta' suggizzjoni esagerata, imma trid tkun gravissima u ta' certa entita`. L-indinjazzjoni tal-genituri kbira kemm tkun kbira ma ghandhiex tigi konsiderata bhala gravi. Il-biza' li wiehed jitkecca mid-dar jew li jitlef xi wirt, jew li jsofri xi danni finanzjarji mhux bizzejjed. Izda jekk ikun hemm theddid, glied spiss, u minacci serji u gravi, dawn jistghu jaffetwaw il-persuni b'biza' li taqa' taht l-**artikolu 19 (a)**."*

Illi fl-ahharnett l-attur ssostni illi l-kunsens tal-konvenuta kien null abbazi ta' l-**artikolu 19 (1) (d)** li jghid:-

"***(d)*** *jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg*".

Illi dwar dan is-subartikolu din il-Qorti kif presjeduta diga' kellha okkazjoni tezaminah, u ghalhekk taghmel referenza ghas-sentenza **"Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg"** (Cit Nru 1564/97/RCP – deciza fil-21 ta' Ottubru 1999) u ghall-principji hemm enuncjati.

Illi fis-sentenza **"Kevin Spiteri vs Avukat Dr Renzo Porella-Flores et noe"** (Cit Nru 2443/97/RCP – deciza fit-18 ta' Jannar 2000) il-Qorti ghamlet referenza ghall-espozizzjoni ta' ***Viladrich*****:-**

*"Thus, there is grave lack [of discretion of judgement] when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgement refers to that degree of maturity of*

*comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring*" (***Viladrich, P.J.,*** **Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated** (Montreal, 1993), p. 686).

Illi kwantu ghall-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap. 255**, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabbilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma *"the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics"* (***Viladrich, P.J.,*** *op.cit.,* p. 687).

Illi din il-Qorti sejra tibda sabiex tikkonsidra l-azzjoni attrici abbazi tal-**artikolu 19 (1) (d).** Illi din il-Qorti kellha diversi drabi okkazjoni sabiex tidhol fid-dettal fl-**artikoli 19 (1) (d)** li huwa l-mertu tal-kawza odjerna. Illi a skans ta' ripetizzjoni tirreferi ghas-sentenzi **"Ahmed Al Halel vs Karen Portelli"** (P.A. (RCP) 1 ta' Ottubru 2002 – Citaz. Numru: 134/00/RCP); **"Martin Farrugia vs Antionette Farrugia"** (P.A. (RCP) 12 ta' Dicembru 2002); **"Catherine Micallef vs Joseph Muscat"** (P.A. (RCP) 12 ta' Dicembru 2002); **"Louise Vella vs Louis Vella"** (P.A. (RCP) 27 ta' Novembru 2002); u **"Isabelle Muscat vs James Muscat"** (P.A. (RCP) 30 ta' Jannar 2003, u ghal sentenzi ohra fuq citati w abbazi tal-istess gurisprudenza

w awturi hemm ikkwotati tasal ghall-konkluzjoni li z-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti kien vizzjat wkoll *ai termini* ta' l-**artikoli 19(1) (d)** minhabba ragunijiet imputabbli liz-zewg nahat.

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Rosanne Cassar vs Kenneth Cassar"** (P.A. 19 t'Ottubru 1998) il-Qorti qalet hekk:-

*" …. Biex jista' jinghad li l-kunsens ikun ivvizjat bil-biza' fis-sens tal-ligi taghna, jehtieg li dik il-biza' tkun tali li mhux biss <u>akkompanjat</u> il-kunsens izda <u>ddeterminat kompletament l-ghoti ta' dak il-kunsens.</u> Fi kliem iehor il-biza' trid tkun, fil-kaz konkret, ta' certu portata b'mod li tkun tista' tiddetermina kompletament l-ghoti ta' dak il-kunsens. Il-kunsens matrimonjali jkun inghata <u>minhabba</u> l-biza' u mhux <u>minkejja</u> dik il-biza' ".* (sottolinear tal-Qorti).

**iii)** **<u>APPREZZAMENT TAL-PROVI.</u>**

Illi din hija kawza fejn l-attur qed jitolb li z-zwieg tieghu jigi dikjarat null *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (a) u (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta,** u mill-provi prodotti jirrizulta li t-talba attrici ghandha tigi milqugha ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet abbazi ta' l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255** *stante* li l-kunsens tal-partijiet kien hekk vizzjat.

Illi fl-ewwel lok jirrizulta li l-partijiet imxew wisq fuq dawk li kienu jghidulhom l-familjari taghhom, u fil-fatt l-attur kien influwenzat sew minn dak li jghidulu l-genituri tieghu, filwaqt li l-attrici kienet min-naha taghha toqghod fuq dawk li kienu jghidulha hutha. Fil-fatt fl-affidavit tal-partijiet jidher li f'kull mument l-partijiet imxew mhux ghar-rihhom u fuq allura decizjonijiet li kienu jiehdu huma flimkien, izda fuq suggerimenti tal-familjari taghhom, b'dan li kien jiehu s-sopravent minn minnhom kien jinsisti li jsir dak li l-familjari tieghu jew taghha ssugerewlhom.

Illi qabel iz-zwieg jidher li kienet il-konvenuta li tiddetta l-pass, kolox ibbazat fuq dak li jghidulha hutha, u hawn l-iktar li l-Qorti qed tirreferi fuq l-insistenza tal-konvenuta ghaz-zwieg; jidher li l-attur, ghalkemm jghid kemm il-

darba fl-affidavit tieghu li huwa ma' kienx qed johrog mal-konvenuta bis-serjeta', mexxa fid-direzzjoni li kienet qed tindikalhu l-konvenuta, ghalkemm certament ma' kienx konvint dwar dan, iktar u iktar meta l-genituri tieghu ma' jidhirx li kienu ferhanin ghal kollox b'dak li kien qed jaghmel l-attur; fil-fatt jidher li l-istess attur accetta li jizzewweg lil-konvenuta, izda kien biss xahar qabel l-istess tieg li qal b'dan lill-genituri tieghu, u dan huwa sinfikanti meta tqis li l-istess attur kien jikkosulta hafna ma' missieru (haga fiha nnfisha xejn hazina), li pero' jidher li kellu nfluwenza fuqu kemm xejn esegerata u minn kif graw l-affarijiet jidher li din l-influwenza kienet raguni ta' pressjoni kontinwa fuq l-attur, f'kull haga determinati li jaghmel, ovvjament mill-provi hlief dik taz-zwieg fiz-zmien li certament sar mal-konvenuta.

Illi din il-Qorti hawn qed tirreferi ghall-fatt li l-attur accetta l-proposta ta' missieru li jibnu fuq ir-residenza taghhom sabiex joqghodu hemmhekk, decizjoni li ma tantx jidher li kienet flokha, ghalkemm din il-Qorti hawn ma hijiex qed tiddibuta fuq l-intenzjonijiet tajba ta' missier l-attur; izda xorta jibqa' l-fatt li l-istess partijiet, anke' minhabba din id-decizjoni, qatt ma taw lilhom l-opportunita' u l-ispazju sabiex jiddeciedu l-affarijiet u l-hajja ta' bejniethom wahedhom, izda jidher li kienu kontinwament meghddijien fuq dak li jahsbu l-familjari taghhom; u dawn id-decizjonijiet reciproci li saru ma kienux, kemm qabel iz-zwieg u kemm wara z-zwieg, jogghbu lill-parti l-ohra, issa anke' l-istess parti kienet konxja ta' l-influwenza tal-familjari tal-parti l-ohra f'din id-decizjoni.

Illi fil-fatt l-partijiet spiccaw li ma' baqawx joqghodu fil-post li missier l-attur kien ghin lill-attur jibni fuq ir-residenza taghhom u minn hawn marru ghand missier il-konvenuta, izda jidher car li din ma kinitx lanqas decizjoni li l-attur kien ser jaccetta, u fil-fatt wara sentejn u nofs ta' disgwid bejn il-partijiet, anke' indott mill-pressjonijiet tal-familjari taghhom li minnhom il-partijiet qatt ma ddistakaw ruhhom sufficjentament sabiex jaghmlu hajjithom u jistabilixxu familja ghalihom, huma sseparaw u l-konvivenza taghhom spiccat.

Illi kif inghad fil-kawza fl-ismijiet **"Marcia D'Amato vs Philip D'Amato"** (P.A. 31 ta' Jannar 2003) *"huwa indiskuss li z-zwieg ghandu l-essenza tieghu fic-celebrazzjoni fejn l-iskop hu dak li junixxi tnejn minn nies, ta' sess oppost, u jassikura li kull wiehed minnhom drittijiet u dmirijiet li ma jsibux riferenza biss fir-rapport fiziku u sesswali, izda ghal hajja in komun flimkien fil-perkors kollu tal-konvivenza matrimonjali".* Mill-provi prodotti jirrizulta certament illi l-partijiet fiz-zmien ta' konvivenza matrimonjali qatt ma' kellhom dik il-hajja in komun li hija essenzjali ghall-validita' taz-zwieg, u in verita', u ghal dak li huwa determinanti ghal din il-kawza, jidher li l-istess partijiet qatt ma' kellhom dan l-impenn ta' unjoni bejniethom, tant li l-Qorti thoss li l-kuncett ta' *consortium vitae* kien nieqes u mankanti miz-zewg partijiet fil-ghoti tal-kunsens taghhom taz-zwieg, tant li din il-Qorti thoss li l-istess kunsens kien vizzjat minhabba nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq l-elementi essenzjali taghha u ghalhekk fuq id-drittijiet u dmirijiet minn hemm naxxenti, b'dan li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat abbazi ta' **l-artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255.**

Illi ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi milqguha abbazi ta' l-istess artikolu ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjoni tal-konvenuta, biss u inkwantu huma nkompatibbli ma' dak hawn premess u deciz, **tilqa' t-talba attrici** biss fis-sens hawn deciz, b'dan illi:-

1. Tiddeciedi u tiddkjara li z-zwieg bejn il-partijiet tal-11 ta' Ottubru 1997 fuq imsemmi hu null u nvalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi abbazi ta' **l-artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255** ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet.

Bl-ispejjez jinqasmu bin-nofs bejn iz-zewg partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------